18 ta' Mejju, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Alfred Tonna *versus* Amabile Dimech et.**

## Atti Ġudizzjarji — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

*Il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi li ma jkunx ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Fil-każ preżenti, l-attur talab fiċ-ċitazzjoni li kull ipoteka inskritta fir-Reġistru Pubbliku kontra d-debitur konvenut tiġi dikjarata ineffikaċi. Id-debitur u l-kreditur li a favur tiegħu kienu veljanti dawk l-inskrizzjonijiet, konvenuti ukoll fil-kawża, issollevaw l-eċċezzjoni li l-ġudizzju ma kienx integru, għax miesshom ġew imħarrkin il-krędituri kollha tad-debitur. L-attur talab il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni billi jiżdiedu kliem li jillimitaw it-talba għall-ipoteki li kienu jirriferixxu għall-kreditur konvenut; u l-Ewwel*

*Qorti ċaħdet it-talba għall-korrezzjoni, fuq il-motiv li t-tibdil mitlub kien jelimina għal kollox l-eċċezzjoni sollevata. Il-Qorti ta' l-Appell, però, irriteniet li mit-termini taċ-ċitazzjoni kien jidher ċar li l-ipoteki li għalihom kienet tirriferixxi d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni kienu dawk li kienu jirrigwardaw il-kreditur konvenut biss, u li għalhekk l-aġġunta mitluba kienet pjuttost isservi bħala kjarifikazzjoni ta' dik il-limitazzjoni; u għalhekk, previja revoka tad-digriet li kien ċaħad it-talba għall-korrezzjoni mitluba, il-Qorti ta' l-Appell ippermettiet li ssir dik il-korrezzjoni.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, sabiex tiġi ordnata l-emenda ta' l-att taċ-ċitazzjoni billi wara l-kliem "Giuseppe Farrugia" fir-raba' vers tat-tielet domanda jiġu aġġunti l-kliem "favur Emmanuele Borg";

*Omissis;*

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti tal-10 ta' Marzu 1958, li bih irrespinġiet it-talba u ordnat illi l-ispejjeż ta' l-inċident jibqgħu definitivament għak-kariku ta' l-attur; billi kkunsidrat;

Illi t-tielet talba fl-att taċ-ċitazzjoni hija ntiża sabiex tiġi ottenuta deċiżjoni u dikjarazzjoni illi minħabba l-istat ekonomiku tal-konvenut Farrugia, "kull ipoteka nskitta fir-Reġistru Publiku kontra Giuseppe Farrugia" hija bla effett mill-ġurnata li tindika l-Qorti, u biex jiġi dikjarat ukoll f'liema mod il-konvenut Borg huwa kreditur, kif jippretendi, fis-somma ta' £1,255. 17. 7, jew f'kull somma oħra verjuri, billi jiġi dikjarat minn dik il-Qorti l-ammont realment dovut mill-konvenut Farrugia lill-konvenut Borg;

Illi skond il-liġi (art. 175 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, sew minn jeddha sew wara talba ta' waħda mill-partijiet, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, inkella billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla wkoll, permezz ta' nota separata, ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi; basta li ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni;

Illi l-korrezzjoni jew l-aġġunta mitluba telimina għal kollox l-eċċezzjoni sollevata fis-sens illi l-istanza ġiet irritwalment proposta, u għalhekk dik il-korrezzjoni ma tistax tiġi permessa skond id-dispożizzjoni tal-liġi ċitata;

Rat ir-rikors li bih l-attur appella minn dan id-digriet u talab ir-revoka tiegħu, billi tiġi permessa l-emenda mitluba; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis*;

Irrifletta;

L-ewwel parti tat-tielet talba fiċ-ċitazzjoni hi hekk konċepita;— "Ma għandux jiġi dikjarat u deċiż illi, minħabba l-istat finanzjarju tal-konvenut Farrugia, kwalunkwe ipoteka nskritta fir-Reġistru Publiku kontra Giuseppe Farrugia hija bla effett mill-ġurnata li tindika din l-Onorabbli Qorti....";

*Iż-żewġ konvenuti*, Emmanuele Borg u Giuseppe Farrugia, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 1952 (ara verbal fol. 43), issollevaw l-eċċezzjoni li l-ġudizzju ma kienx integru, għax kien messhom ġew ċitati, in konnessjoni ma' din it-tielet talba, il-kredituri ipotekarji kollha ta' l-imsemmi Giuseppe Farrugia;

Fis-seduta tat-18 ta' Novembru 1952 (ara l-istess verbal fol. 43), id-difensur ta' l-attur talab li fir-raba' vers tat-tielet domanda jiżdiedu l-kliem "favur Emmanuele Borg";

L-Ewwel Qorti, bid-digriet impunjat, irrespinġiet it-talba ta' l-emenda fuq il-motiv li l-emenda kienet telimina l-eċċezzjoni tal-konvenuti fuq imsemmija, kuntrarjament għall-art. 175 Kap. 15. Issa f'dan il-każ hemm fattur speċjali. Il-konvenuti taw dik l-eċċezzjoni għaliex interpretaw it-tielet talba bħala li kienet intiża biex jiġu invalidati l-ipoteki tal-kredituri kollha tal-konvenut Farrugia, u mhux biss iż-żewġ ipoteki favur il-kreditur il-konvenut Emmanuele Borg. L-attur invece jgħid li dik it-talba qegħedha tirriferixxi biss għall-ipoteki tal-kreditur Borg (konvenut), u talab l-aġġunta fuq imsemmija pjuttost bħala kjarifikazzjoni ta' din il-limitazzjoni;

Dan l-aspett speċjali tal-każ hu ta' l-akbar importanza; għaliex jekk it-tielet talba għandha tiftiehem bħala riferenti biss għall-ipoteki tal-konvenut Borg, allura lanqas tidħol iċ-ċirkustanza tal-preġudizzju għall-eċċezzjoni, għax dik l-eċċez-

zjoni tkun qegħedha tiġi mogħtija fuq premessa falza, ċjoè dik ta' interpretazzjoni skorretta tat-tielet talba. Infatti, jekk it-tielet talba tirriferixxi għall-ipoteki ta' Borg biss, ma hemmx lok li jiġi eċċepit li hemm bżonn il-preżenza fil-ġudizzju tal-kredituri l-oħra;

Issa, din il-Qorti jidhrilha li hu ċar mit-termini kollha taċ-ċitazzjoni li dik it-tielet talba qegħedha tirriferixxi għall-ipoteki tal-konvenut Borg biss. Biex dik it-talba tiftiehem tajjeb hemm bżonn tinqara ċ-ċitazzjoni kollha. Infatti, fil-premessi taċ-ċitazzjoni (ara r-raba' premessa) l-attur isemmi l-motivi li, skond l-assunt tiegħu, iġibu għall-invalidità ta' l-inskrizzjonijiet ipotekarji favur il-konvenut Borg. Ma hemm xejn fil-korp taċ-ċitazzjoni li jaċċenna menomament għall-pożizzjoni tad-debitur, il-konvenut Farrugia, via-a-vis ipoteki ta' kredituri oħra barra Borg. Ma hemmx bżonn jingħad li huma l-premessi taċ-ċitazzjoni li jikkonduċu għat-talba. Mhux biss, imma f'dik l-istess tielet talba hemm it-tieni parti tagħha li fiha qed jiġi attakkat l-istess kreditu ta' Borg fir-realtà tiegħu, u f'din it-tieni parti ta' l-istess tielet talba jissemma espressament il-konvenut Borg; vwoldiri, bit-tielet talba l-attur ried mhux biss jinvalida l-ipoteki ta' Borg, imma anki jattakka l-eżistenza tal-kreditu tiegħu. Dan kollu, u l-kontest taċ-ċitazzjoni kollha, juri ċar li t-tielet talba, għalkemm kien ikun desiderabili li l-attur inserixxa mill-ewwel il-kliem li issa jrid jaġġunġi, anki fl-ewwel parti tagħha qegħedha tirriferixxi għall-ipoteki ta' Borg biss. Il-kliem "kwalunkwe ipoteka" huma kapibili di fronti għall-pluralità ta' l-ipoteki ta' Borg;

Għalhekk, verament ma hemmx ebda preġudizzju għal ebda eċċezzjoni; għaliex dik l-eċċezzjoni hi bażata fuq interpretazzjoni ħażina tat-tielet talba. Il-konvenuti fehmu, jew jgħidu li fehmu, it-tielet talba għam-mod tagħhom, bħala riferenti għall-ipoteki tal-kredituri kollha, u fuq din is-suppożizzjoni qalu "il-ġudizzju mhux integru, għax kien imissom ġew imħarrkin il-kredituri kollha". Imma fil-fatt dik it-tielet talba għandha raġjonevolment tiftiehem bħala li tirriferixxi biss għall-ipoteki ta' Borg, u għalhekk l-aġġunta mitluba ma hijiex lanqas proprjament korrezzjoni, imma pjuttost kjarifi-

kazzjoni mill-parti ta' l-attur biex jiżgura lill-konvenuti li dik it-tielet talba qegħedha biss għall-ipoteki ta' Borg. Anki mingħajrha, it-talba titftiehem bħala relativa għal Borg biss, u l-kliem jistgħu jiżdiedu, għax "utile per inutile non vitiatur";

Dwar il-kap ta' l-ispejjeż;

*Omissis;*

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-digriet impunjat, tagħti li ssir l-emenda mitluba għal skop ta' kjarifikazzjoni, u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru taż-żewġ istanzi bin-nofs.